



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2011/0238(COD)

7.2.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija

(COM(2011)0540 – C7-0235/2011 – 2011/0238(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marietta Giannakou

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Unjoni Ewropea tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Aktar minn 50% tal-enerġija globali tal-UE jeħtieġ li tiġi impurtata, u ċ-ċifra hija saħansitra ogħla għall-gass u għaż-żejt. Is-sigurtà tal-enerġija tal-UE għalhekk hija vulnerabbli għal irregolaritajiet fil-provvisti minn barra l-Unjoni.

Is-sigurtà tal-enerġija hija wkoll ta' sinifikat kbir għall-interessi strateġiċi tal-UE. Titjib fis-sigurtà tal-enerġija tal-UE jsaħħaħ ir-rwol strateġiku u l-kapaċitajiet tal-politika barranija tagħha. Il-ftehimiet intergovernattivi jistgħu jappoġġaw l-għan tal-UE li tiddiversifika r-rotot u s-sorsi tal-provvista tal-enerġija, b'mod partikolari biex testendi s-sorsi tal-provvista għall-Baħar l-Iswed, ir-reġjun tal-Lvant tal-Mediterran u l-Asja Ċentrali.

Barra minn hekk, l-importazzjonijiet tal-enerġija huma responsabbli għal 6 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE, u jirrappreżentaw spejjeż u riskji ekonomiċi enormi għall-ekonomija tal-UE. Huwa fl-interess tal-UE u tal-Istati Membri li jimmaniġġjaw ir-relazzjonijiet esterni fil-qasam tal-enerġija permezz ta' ftehimiet intergovernattivi u li jużaw għalkollox il-pożizzjoni ta' saħħa tal-Istati Membri fin-negozjati u s-suq intern kbir tagħha permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Konsegwenza ta' dan, il-ftehimiet intergovernattivi, b'mod partikolari meta jkunu kkoordinati sew fost l-Istati Membri, jistgħu jtejbu l-kompetittività tal-UE.

Il-qsim tal-informazzjoni dwar ftehimiet intergovernattivi mal-Kummissjoni għandu jiżgura wkoll li l-ftehimiet individwali ffirmati mill-Istati Membri jappoġġaw u jkunu f'konformità mad-Dritt Komunitarju, bħal-leġiżlazzjoni tas-suq intern, u l-multitudni ta' ftehimiet u inizjattivi internazzjonali eżistenti bħat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija, il-Politiki Ewropej tal-Viċinat, il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Russja u l-erba' Spazji Komuni UE-Russja, il-Ftehimiet Multilaterali mal-Asja Ċentrali u r-reġjun tal-Baħar l-Iswed u ftehimiet futuri bħall-Ftehim il-ġdid previst UE-Russja, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-enerġija.

Fl-aħħar nett, ftehimiet intergovernattivi individwali jistgħu jipprovdu opportunità biex jiġu promossi l-politiki tal-UE għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat ta' dritt u d-dialogu soċjali, it-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġiji rinnovabbli. B'żieda fl-istabilità u fil-prevedibilità, dawn il-ftehimiet għandhom ukoll ikunu jistgħu jippromwovu l-paċi fiż-żoni tal-viċinat.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Kunsill Ewropew talab lill-Istati Membri biex mill-1 ta' Jannar 2012 jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet bilaterali ġodda u eżistenti kollha tagħhom dwar l-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma xierqa, wara li tikkunsidra l-ħtieġa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-liġi tal-Unjoni titlob lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li joħorġu mit-Trattati **jew** li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jevitaw jew jeliminaw kull inkompatibbiltà bejn il-liġi tal-Unjoni u l-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Emenda

(1) Il-Kunsill Ewropew talab lill-Istati Membri biex mill-1 ta' Jannar 2012 jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet bilaterali ġodda u eżistenti kollha tagħhom dwar l-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma xierqa, wara li tikkunsidra l-ħtieġa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, **kif ukoll il-preservazzjoni tal-interessi strateġiċi tal-UE.**

Emenda

(2) Il-liġi tal-Unjoni titlob lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li joħorġu mit-Trattati, **u speċjalment mill-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u** li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jevitaw jew jeliminaw kull inkompatibbiltà bejn il-liġi tal-Unjoni u l-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-enerġija **jesiġi** li l-enerġija importata fl-Unjoni minn pajjiżi terzi tkun irregolata għal kollox mir-regoli li jstabbilixxu suq intern tal-enerġija. Suq intern tal-enerġija li ma jkunx qiegħed jiffunzjona sewwa jpoġġi lill-UE f'pożizzjoni vulnerabbli fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Livell għoli ta' trasparenza fir-rigward ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija jagħti ċ-ċans lill-Unjoni tiegħu azzjoni kkoordinata, fi spirtu ta' solidarjetà, sabiex tiżgura li dawn il-ftehimiet ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u effettivament tiżgura l-provvista tal-enerġija.

Emenda

(3) Il-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-enerġija **u s-salvagwardja tal-protezzjoni tal-konsumatur jesiġu** li l-enerġija importata fl-Unjoni minn pajjiżi terzi tkun irregolata għal kollox mir-regoli li jstabbilixxu suq intern tal-enerġija. Suq intern tal-enerġija li ma jkunx qiegħed jiffunzjona sewwa jpoġġi lill-UE f'pożizzjoni vulnerabbli fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, **filwaqt li fl-istess ħin inaqqas l-influwenza politika tagħha fil-livell internazzjonali**. Livell għoli ta' trasparenza fir-rigward ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija jagħti ċ-ċans lill-Unjoni tiegħu azzjoni kkoordinata, fi spirtu ta' solidarjetà, sabiex tiżgura li dawn il-ftehimiet ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u effettivament tiżgura l-provvista tal-enerġija.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-mekkaniżmu ġdid tal-iskambju ta' informazzjoni għandu jkopri biss ftehimiet intergovernattivi li **x'aktarx ikollhom** impatt fuq is-suq intern għall-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija minħabba li dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma intrinsikament marbuta ma' xulxin. B'mod partikolari, dan il-mekkaniżmu għandu jinkludi l-ftehimiet intergovernattivi kollha li għandhom impatt fuq il-provvista tal-gass, taż-żejt jew tal-elettriku permezz ta' infrastruttura fissa

Emenda

(4) Il-mekkaniżmu ġdid tal-iskambju ta' informazzjoni għandu jkopri biss ftehimiet intergovernattivi li **għandhom** impatt fuq is-suq intern għall-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija minħabba li dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma intrinsikament marbuta ma' xulxin. B'mod partikolari, dan il-mekkaniżmu għandu jinkludi l-ftehimiet intergovernattivi kollha li għandhom impatt fuq il-provvista tal-gass, taż-żejt jew tal-elettriku permezz ta' infrastruttura fissa jew li għandhom impatt

jew li għandhom impatt fuq l-ammont ta' enerġija importata fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

fuq l-ammont ta' enerġija importata fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-Istati Membri għandhom **diġà** jinnotifikaw ***l-intenzjoni tagħhom li jifih*** negozjati mal-Kummissjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi ġodda jew l-emendi ***fil-ftehimiet intergovernattivi*** eżistenti. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata regolarment dwar in-negozjati li jkunu għaddejnin. ***Hija għandu jkollha d-dritt li*** tipparteċipa bħala osservatur fin-negozjati. L-Istati Membri jistgħu wkoll jitolbu lill-Kummissjoni biex tgħin hom matul in-negozjati tagħhom mal-pajjiżi terzi.

Emenda

(9) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ***lill-Kummissjoni meta jkunu nbdew*** negozjati dwar ***ftehim intergovernattiv ġdid*** jew emendi ***għal ftehim intergovernattiv*** eżistenti. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata regolarment dwar in-negozjati li jkunu għaddejnin. ***Fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista'*** tipparteċipa bħala osservatur fin-negozjati. L-Istati Membri jistgħu wkoll jitolbu lill-Kummissjoni biex tgħin hom matul in-negozjati tagħhom mal-pajjiżi terzi, ***mingħajr ma tipperikola l-abilità tagħhom li jinnegozjaw il-kontenut tal-ftehimiet.***

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni kollha li tirċievi disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma elettronika. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta t-talbiet mill-Istati Membri sabiex tittratta l-informazzjoni sottomessa, b'mod partikolari l-informazzjoni kummerċjali, bħala kunfidenzjali. Madankollu, it-talbiet għall-kunfidenzjalità ma għandhomx jirrestrinġu l-aċċess tal-Kummissjoni nnifisha għal informazzjoni

Emenda

(12) Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni ***mhux kunfidenzjali*** kollha li tirċievi disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma elettronika. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta t-talbiet mill-Istati Membri sabiex tittratta l-informazzjoni sottomessa, b'mod partikolari l-informazzjoni kummerċjali, bħala kunfidenzjali. Madankollu, it-talbiet għall-kunfidenzjalità ma għandhomx jirrestrinġu l-aċċess tal-Kummissjoni

kunfidenzjali, minħabba li jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni komprensiva għall-valutazzjoni tagħha. It-talbiet għall-kunfidenzjalità huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

nnifisha għal informazzjoni kunfidenzjali, minħabba li jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni komprensiva għall-valutazzjoni tagħha. ***Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tiggarrantixxi l-applikazzjoni tal-klawżola ta' kunfidenzjalità u l-konsegwenzi ġuridiċi tagħha.*** It-talbiet għall-kunfidenzjalità huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Skambju permanenti ta' informazzjoni dwar il-ftehimiet intergovernattivi fil-livell tal-Unjoni għandu jagħti lok għall-iżvilupp tal-aħjar prattiċi. Fuq il-bażi ta' dawk l-aħjar prattiċi, il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda klawżoli standard sabiex jintużaw fil-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. L-użu ta' dawn il-klawżoli standard mhux vinkolanti għandu jeskludi l-kunflitti tal-ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni.

Emenda

(13) Skambju permanenti ta' informazzjoni dwar il-ftehimiet intergovernattivi fil-livell tal-Unjoni għandu jagħti lok għall-iżvilupp tal-aħjar prattiċi. Fuq il-bażi ta' dawk l-aħjar prattiċi, il-Kummissjoni, ***f'kooperazzjoni mas-SEAE fir-rigward tal-politiki esterni tal-UE***, għandha tirrakkomanda klawżoli standard sabiex jintużaw fil-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. L-użu ta' dawn il-klawżoli standard mhux vinkolanti għandu jeskludi l-kunflitti tal-ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni ***jew ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tissuġġerixxi wkoll klawżoli standard mhux vinkolanti fir-rigward tal-prinċipji u l-politiki tal-UE bħar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-djalogo soċjali, inkluż r-responsabilità soċjali korporattiva, it-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġiji rinnovabbli u l-***

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-għarfien reċiproku mtejjeb tal-ftehimiet intergovernattivi eżistenti u ġodda għandu jagħti lok għal koordinazzjoni aħjar fi kwistjonijiet tal-enerġija bejn l-Istati Membri nfushom u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Tali koordinazzjoni mtejjba għandha tippermetti lill-Istati Membri jibbenifikaw b'mod sħiħ mill-piż politiku u ekonomiku tal-Unjoni.

Emenda

(14) L-għarfien reċiproku mtejjeb tal-ftehimiet intergovernattivi eżistenti u ġodda għandu jagħti lok għal koordinazzjoni aħjar fi kwistjonijiet tal-enerġija bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Tali koordinazzjoni mtejjba għandha tippermetti lill-Istati Membri jibbenifikaw b'mod sħiħ mill-piż politiku u ekonomiku tal-Unjoni, ***tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jikkoordinaw b'mod sħiħ l-isforzi tagħhom rigward l-importazzjoni tal-enerġija fl-UE, inkluża l-enerġija rinnovabbli, u t-tisħiħ tar-rwol strateġiku tal-Unjoni u l-kapaċitajiet tal-politika barranija tagħha.***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'kooperazzjoni mas-SEAE, għandhom jaġixxu b'mod attiv skont din id-Deċiżjoni, jipromwovuha ma' pajjiżi terzi u jippreżentaw kull sena rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi.

Emenda

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi ***fil-qasam tal-enerġija kif definit fl-Artikolu 2.***

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) "ftehimiet intergovernattivi" tfisser kull ftehim legalment vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi li ***x'aktarx ikollu*** impatt fuq l-operat jew il-funzjonament tas-suq intern għall-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;

Emenda

(1) "ftehimiet intergovernattivi" tfisser kull ftehim legalment vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi li ***jkollhom*** impatt fuq l-operat jew il-funzjonament tas-suq intern għall-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-ftehimiet intergovernattivi ***eżistenti u applikati provviżorjament*** kollha bejnhom u l-pajjiżi terzi ***fl-intier tagħhom***, inklużi l-annessi tagħhom, ***testi oħrajn li jagħmlu referenza għalihom*** u l-emendi kollha ***fihom lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.*** Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-dokumenti kollha li tirċievi aċċessibbli f'forma elettronika għall-Istati

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ***lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni,*** il-ftehimiet intergovernattivi kollha bejnhom u l-pajjiżi terzi, inklużi l-annessi tagħhom u l-emendi kollha ***għalihom, kif ukoll testi oħrajn li jagħmlu referenza espliċita għalihom safejn dawn it-testi oħrajn ikun fihom elementi li jkollhom impatt operattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija***

Membri l-oħrajn kollha. Il-ftehimiet intergovernattivi eżistenti jew applikati provviżorjament li diġà kienu kkomunikati skont ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 lill-Kummissjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, li qegħdin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu, għandhom jitqiesu bħala li ġew ikkomunikati għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-dokumenti kollha li tirċievi, *ħlief il-partijiet kunfidenzjali*, aċċessibbli f'forma elettronika għall-Istati Membri l-oħrajn kollha. *Fi żmien tnax-il xahar wara li jkun waslu l-Ftehimiet Intergovernattivi rispettivi, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-SEAE fir-rigward tal-politiki esterni tal-Unjoni, għandha tivvaluta l-ftehimiet komunikati u tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar nuqqas ta' kompatibilità possibbli tal-ftehimiet tagħhom mal-liġi tal-Unjoni u mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni.* Il-ftehimiet intergovernattivi eżistenti jew applikati provviżorjament li diġà kienu kkomunikati skont ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 lill-Kummissjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, li qegħdin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu, għandhom jitqiesu bħala li ġew ikkomunikati għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta Stat Membru *jkollu l-ħsieb li* jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz sabiex jemenda ftehim intergovernattiv eżistenti jew biex jikkonkludi ftehim intergovernattiv ġdid, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-miktub dwar *l-intenzjoni tiegħu mill-aktar fis possibbli qabel il-ftuħ previst* tan-negozjati. *L-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni għandha tinkludi d-dokumentazzjoni rilevanti, indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet* li jridu jiġu indirizzati fin-negozjati, *l-għanijiet tan-negozjati* u informazzjoni rilevanti oħra. Fil-każ ta' emendi għal ftehim eżistenti, id-

Emenda

2. Meta Stat Membru jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz sabiex jemenda ftehim intergovernattiv eżistenti jew biex jiġi konkluż ftehim intergovernattiv ġdid, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-miktub dwar *l-objettivi* tan-negozjati, *id-dispożizzjonijiet* li jridu jiġu indirizzati fin-negozjati u informazzjoni rilevanti oħra. Fil-każ ta' emendi għal ftehim eżistenti, id-dispożizzjonijiet li jridu jiġu nnegozjati mill-ġdid għandhom jiġu indikati fl-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jżomm lill-Kummissjoni informata regolarment

dispożizzjonijiet li jridu jiġu nnegozjati mill-ġdid għandhom jiġu indikati fl-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni li tirċievi aċċessibbli għall-Istati Membri kollha f'forma elettronika.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jżomm lill-Kummissjoni informata regolarment dwar in-negozjati li jkunu għaddejnin. Fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tipparteċipa bħala osservatur fin-negozjati.

dwar in-negozjati li jkunu għaddejnin. Fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tipparteċipa bħala osservatur fin-negozjati.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Mar-ratifika ta' ftehim intergovernattiv jew ta' emenda għal ftehim intergovernattiv, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-ftehim jew l-emenda tal-ftehim, inklużi l-annessi tagħhom u testi oħrajn li dawn il-ftehimiet jew emendi jirreferu għalihom espliċitament, ***lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha*** għandha tagħmel id-dokumenti li tirċievi, bl-eċċezzjoni tal-partijiet kunfidenzjali identifikati skont l-Artikolu 7, aċċessibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma elettronika.

Emenda

3. Mar-ratifika ta' ftehim intergovernattiv jew ta' emenda għal ftehim intergovernattiv, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta ***lill-Kummissjoni*** l-ftehim jew l-emenda tal-ftehim, inklużi l-annessi tagħhom u testi oħrajn li dawn il-ftehimiet jew emendi jirreferu għalihom espliċitament, ***safejn dawn it-testi oħrajn ikun fihom elementi li jkollhom impatt operattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu disponibbli sommarji tal-informazzjoni ppreżentata. Skont l-istruzzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni*** għandha tagħmel id-dokumenti li tirċievi, bl-eċċezzjoni tal-partijiet kunfidenzjali identifikati skont l-Artikolu 7, aċċessibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma elettronika.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess sa mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara li tkun ġiet informata dwar l-għeluq tan-negozjati, jew fuq talba mill-Istat Membru li jkun innegozja l-ftehim intergovernattiv, tivvaluta l-kompatibbiltà tal-ftehim innegozjat mal-liġi tal-Unjoni qabel ma jkun ġie ffirmit il-ftehim. F'każ li l-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat jitolbu li ssir tali valutazzjoni ex-ante tal-ftehim intergovernattiv innegozjat mal-liġi tal-Unjoni, l-abbozz tal-ftehim intergovernattiv innegozjat iżda li għadu mhux iffirmit għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni għal eżaminazzjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibqa' lura milli jiffirma l-ftehim għal perjodu ta' erba' xhur wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-ftehim intergovernattiv. Bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, il-perjodu ta' eżaminazzjoni jista' jiġi mtawwal. Meta jintalab kontroll tal-kompatibbiltà, jekk il-Kummissjoni ma tagħti ebda opinjoni matul il-perjodu ta' eżaminazzjoni, il-Kummissjoni għandha titqies bħala li ma qajmet l-ebda oġġezzjoni.

Emenda

1. Malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara l-għeluq tan-negozjati, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar l-għeluq tan-negozjati u għandu jippreżenta l-abbozz ta' ftehim intergovernattiv innegozjat iżda mhux iffirmit, inklużi l-annessi tiegħu u testi oħrajn li jagħmel referenza espliċita għalihom, lill-Kummissjoni għall-eżaminazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lil dak l-Istat Membru, fi żmien xahrejn wara li tkun ġiet infurmata dwar l-għeluq tan-negozjati, b'kull dubju dwar il-kompatibbiltà tal-ftehim innegozjat, u tal-annessi tiegħu u testi oħrajn li jagħmel referenza espliċita għalihom, mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikulari mal-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni u mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq intern tal-enerġija, jew mal-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibqa' lura milli jiffirma l-ftehim għal perjodu ta' xahrejn wara l-preżentazzjoni tal-ftehim intergovernattiv. Jekk il-Kummissjoni ma tagħti ebda tweġiba matul dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha titqies li ma qajmet l-ebda oġġezzjoni. L-Istat Membru għandu jipposponi l-iffirmit ta' ftehim intergovernattiv b'xahrejn oħra jekk ikun irċieva tweġiba mill-Kummissjoni li l-ftehim innegozjat iżda mhux iffirmit ma jkunx kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni jew mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. F'dawk ix-xahrejn il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni legali.

2. Meta l-opinjoni legali tidentifika inkompatibbiltà bejn il-ftehim innegozjat u l-liġi tal-Unjoni jew il-ftehimiet

internazzjonali konklużi mill-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tispeçifika dik l-inkompatibilità u għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif tiġi eliminata l-inkompatibilità.

3. L-Istati Membri għandhom iqisu kif jixraq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u, jekk ikun meħtieġ, jinnegozjaw il-ftehim mill-ġdid. Jekk ir-rakkomandazzjonijiet ma jiġux ikkunsidrati u jekk jibqa' jkun hemm dubji serji dwar il-kompatibilità tal-ftehim intergovernattiv iffirmat mal-liġi tal-Unjoni jew mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra miżuri korrettivi biex tirrettifika s-sitwazzjoni.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiġu riveduti l-iżviluppi fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi;

Emenda

(a) jiġu riveduti l-iżviluppi fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi **u jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza fir-relazzjonijiet esterni tal-UE fil-qasam tal-enerġija ma' pajjiżi produttori, ta' tranżitu u ta' konsum ewlenin;**

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jiġu identifikati l-problemi komuni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u tiġi kkunsidrata l-azzjoni xierqa li trid tittieħed sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi;

Emenda

(b) jiġu identifikati l-problemi komuni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u tiġi kkunsidrata l-azzjoni xierqa li trid tittieħed sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi, **u jiġu proposti soluzzjonijiet possibbli għall-Istati Membri;**

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jissaħħaħ ir-rwol strateġiku globali tal-Unjoni permezz ta' approċċ koordinat b'saħħtu u effikaċi fir-rigward tal-pajjiżi li jfornu l-enerġija.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) fuq il-bażi tal-aqwa prattika, jiġu żviluppati klawżoli standard li l-użu tagħhom jiżgura l-konformità sħiħa tal-ftehimiet intergovernattivi futuri mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija.

(c) fuq il-bażi tal-aqwa prattika, jiġu żviluppati klawżoli standard ***mhux vinkolanti*** li l-użu tagħhom jiżgura l-konformità sħiħa tal-ftehimiet intergovernattivi futuri mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3, l-Istat Membru jista' jindika jekk xi parti mill-informazzjoni, b'mod partikolari l-informazzjoni kummerċjali, għandhiex titqies bħala kunfidenzjali u jekk l-informazzjoni pprovduta tistax tinqasam ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta dawn l-indikazzjonijiet. It-talbiet għall-kunfidenzjalità ma jirrestrinġux l-aċċess tal-Kummissjoni

Meta jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3, l-Istat Membru jista' jindika jekk xi parti mill-informazzjoni, b'mod partikolari l-informazzjoni kummerċjali, għandhiex titqies bħala kunfidenzjali u jekk l-informazzjoni pprovduta tistax tinqasam ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta dawn l-indikazzjonijiet. It-talbiet għall-kunfidenzjalità ma jirrestrinġux l-aċċess tal-Kummissjoni

nnifisha għal informazzjoni kunfidenzjali.

nnifisha għal informazzjoni kunfidenzjali.
***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-
aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali
jkun strettament limitat għall-persunal
tal-Kummissjoni li għalih ikun
assolutament neċessarju li jkollu l-
informazzjoni disponibbli għall-finijiet
imsemmijin fl-Artikoli 4, 5 u 6.***

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Reviżjoni

Rappurtar u reviżjoni

1. ***Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha***, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ***kull sena*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. ***Ir-rapport għandu jkopri l-informazzjoni li tkun waslet skont l-Artikolu 3.***

2. Ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari jekk din id-Deċiżjoni ttiprovdi qafas suffiċjenti bil-għan li jiżgura l-konformità sħiħa tal-ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni u livell għoli ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi.

2. ***Il-Kummissjoni għandha ttiprovi wkoll lill-Parlament Ewropew rapport komprensiv ta' valutazzjoni fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.*** Ir-rapport ***ta' valutazzjoni*** għandu jevalwa b'mod partikolari jekk din id-Deċiżjoni ttiprovdi qafas suffiċjenti bil-għan li jiżgura l-konformità sħiħa tal-ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni u livell għoli ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi.

PROĊEDURA

Titolu	Mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija
Referenzi	COM(2011)0540 – C7-0235/2011 – 2011/0238(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.9.2011
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 15.9.2011
Eżami fil-kumitat	6.2.2012
Data tal-adozzjoni	6.2.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 –: 1 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bastiaan Belder, Frieda Brepoels, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Véronique De Keyser, Tanja Fajon, Elisabeth Jeggle, Doris Pack, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Marietje Schaake, Indrek Tarand, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marije Cornelissen, Rui Tavares